MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2010

Numru. 633/2009

**Pulizija**
**(Spettur Spiridione Zammit)**

**vs**

**Mark Bonello**

Il-Qorti;

Rat li l-imputat Mark Bonello ta' 41 sena, bin Carmel u Carmela nee' Garzia, imwieled Sliema fis-26 t'Awissu 1967 u residenti 1, Triq l-Ammiraljat, Rahal Gdid u detentur tal-karta tal-identita' numru 377067(M) gie mressaq quddiemha akkuzat talli:

Fl-14 ta' Gunju 2009 ghal habta ta' 10.30 pm u hinijiet wara waqt li kien fi Triq il-Vittmi tax-Xoghol, Rahal Gdid u diversi toroq ohra

1. Volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli u cioe' ghamel hsara fuq vettura JAH 546 ta' ghamla Hyundai Lantra ghad-dannu ta' Etienne Farrugia miz-Zejtun liema hsara ma tiskorrix 1164.69 Euros imma izjed min 116.47 Euros;

2. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi wara li kien involut f'incident tat-traffiku u kkaguna hsara fuq vettura JAH 546 ta' ghamla Hyundai Lantra naqas li jieqaf fuq il-post tal-incident.

3. Fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi saq vettura tal-marka Datsun Nissan numru tar-registrazzjoni BBA479 b'manjiera bla kont u traskurata.

4. Fl-istess jum, lok, hin u cirkostanzi ghamel lil Etienne Farrugia miz-Zejtun ingurji jew theddid mhux imsemmijin band'ohra fil-Kodici Kriminali, jew jekk kien ipprovokat ingurja b'mod li hareg aktar milli jmissu.

5. Fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi bil-lejl kiser il-mistrieh tan-nies bi hsejjes, ghajjat jew b'mod iehor.

6. Il-Qorti kienet gentilment mitluba sabiex f'kaz ta' htija tipprovdi ghas-sigurta ta' Etienne Farrugia miz-Zejtun u tapplika l-provvedimenti ta' Art 383, 384 u 385 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

7. Il-Prosekuzzjoni qeghda wkoll gentilment titlob lil Qorti f'sejbien ta' htija, li Mark Bonello jigi skwalifikat mill-licenzja tas-sewqan.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti, inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 2 ta' Lulju 2009 (esebit a fol. 4 tal-process) sabiex dawn il-proceduri jigu trattati bi procedura sommarja u decizi minn din il-Qorti.

Rat li l-imputat waqt l-ezami li sarlu fis-seduta tas-26 ta' Marzu 2010 iddikjara li ma kellux oggezzjoni li l-kaz tieghu

jigi trattat bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat l-ammissjoni ta’ l-imputat kif registrata fl-atti fis-seduta ta’ nhar 26 ta’ Marzu 2010 ghall-akkuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu.

Illi din il-Qorti osservat dak li jiddisponi l-Artikolu 453 (1) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, u cioe’ wara li l-imputat wiegeb li huwa hati, din il-Qorti wissietu b’mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta’ dik it-twegiba tieghu u taghtu zmien xieraq sabiex jekk irid jerga’ lura minnha u kien biss wara li staqsietu it-tieni darba li l-Qorti ghaddiet sabiex taghti kaz din l-ammissjoni tieghu.

Illi ghalhekk fuq l-ammissjoni volontarja u nkondizzjonata ta’ l-istess imputat, l-Qorti tiddikjara li ma ghandhiex triq ohra salv li ssib lill-imputat hati ta’ l-akkuzi kollha kif dedotti kontra tieghu.

Ghall-finijiet ta’ piena l-Qorti ikkunsidrat il-fatt li l-imputat ammetta fi stadju bikri tal-proceduri, l-fatt li huwa ghandu fedina penali netta u l-fatt li l-ammont involut kollu thallas lura lill-vittma.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 325, 339 (1) (d) u 338 (dd) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, kif ukoll l-Artikolu 15 tal-Kap. 65 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti ssib lill-imputat hati tal-akuzi kollha migjuba fil-konfronti tieghu kif minnu ammessi u b’applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta, tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor sa zmien sena(1) millum.

B’applikazzjoni tal-Artikolu 383 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, l-Qorti torbot lill-imputat b’obbligazzjoni personali taht penali ta’ hames mitt ewro (€500) ghal zmien tnax(12)-il xahar millum milli jimmolesta jew jivvessa lil Etienne Farrugia.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------